MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2012

Numru. 335/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs**

**- OMISSIS -**
**MARTIN DEBONO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom - omissis -

U

Martin Debono, ta' 34 sena, iben Anthony u Josephine nee' Cassar, imwieled Pieta fil-15 ta' Novembru 1970, u

joqghod Nru 12, Okella Agius, Triq Hal Qormi, Hamrun. Nru ta’ l-Identita’: 519070M

Gew akkuzati: talli fid-19 ta’ Marzu 2005 ghall-habta tat-3:40 p.m. fil-Hamrun, dolozament fil-hsieb li jikkommettu reat, u cioe’ dak ta’ serq aggravat, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ taghhom, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira u bix-xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ hsara fil-vettura ta’ l-ghamla Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni EAX 281, liema hsara tiskorri l-ghaxar liri (LM 10) izda inqas minn hamsin lira (LM50) ghad-dannu ta’ Guda Taddeo Borg mill-Hamrun u/jew persuni ohra;

Martin Debono wahdu akkuzat talli sar ricediv b’diversi sentenzi tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali datati 22 ta’ Novembru 1995, 9 ta’ Novembru 1998 u 11 ta’ Gunju 1999 liema sentenzi saru definittivi; kif ukoll bi ksur ta’ zewg sentenzi ta’ Probation datati 18 ta’ Gunju 2003 (Art 22 tal-Kap 446) u 14 ta’ Gunju 2004 (Art 7 tal-Kap 446) fejn kien gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-imsemmija Artikoli u cioe’ li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin u fi zmien tmintax il-xahar rispettivament

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok GA3 u nnutat li l-imputat Martin Debono m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Martin Debono iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Martin Debono bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Martin Debono wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-imputat ghandu problema ta' abbuz mid-droga u konsegwentement talbu lill-Qorti li jkun opportun li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation ghall-fini li jkun assistit dwar din il-problema.

Fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara ukoll li r-rifurtiva giet ritornata lis-sidien.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 41(1)(a), 261(b), (c) u (g), 263, 267, 271, 278(3), 279(a), 280(2) u 325(c) tal-Kap. 9 u l-artikoli 7 u 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Martin Debono, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u cioe' li jaqblu li l-imputat ghandu problema ta' abbuz mid-droga u konsegwentement talbu lill-Qorti li jkun opportun li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation ghall-fini li jkun assistit dwar din il-problema tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Martin Debono taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex ikun assistit jgheleb il-problema ta' abbuz mid-droga u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Martin Debono ghall-piena ta' tlett mitt Ewro (Ewro 300) multa.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Martin Debono.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Martin Debono kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Martin Debono l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------